MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2007

Numru. 414/2007

Il-Pulizija
(Spettur Alexander Grech)

vs

Harvin Vassallo

Il-Qorti;

Rat l-imputat, Harvin Vassallo ta’ 17-il sena bin Carmelo u Miriam nee’ Brown, imwieled Pieta’, fid-9 ta’ Lulju, 1989 u joqghod Nru. 38, Flat 1, Sqaq it-Torri, Bormla detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 319589(M), gie mressaq quddiemha akkuzat talli f’ dawn il-Gzejjer, fil-5 ta’ Mejju 2007 ghal habta ta’ xi 11.35 pm. waqt li kien fi Triq il-Gardiel Marsascala, ingurja, hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ PS 1577 Silvio Magro persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien jaghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni

ta’ dak is-servizz bi ksur tal-artikolu 95(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta’ l-istess PS 1577 Silvio Magro, persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta ordni moghtija skond il-Ligi minn Awtorita kompetenti, u dan bi ksur tal-artikolu 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel hsara fuq PDA ta’ ghamla Treo 600 ghad-dannu ta’ PS 1577 Silvio Magro, liema hsara hija ta’ aktar minn Lm50 u inqas minn Lm500, u dan bi ksur tal-artikolu 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem indicenti w oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f’ dagha u dan bi ksur ta’ l-artikoli 388 (bb) u 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta’ PS 1577 Silvio Magro sabiex jingurjawh, idejjqu jew jaghmlulu hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339 (d) tal- Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta ta’ Lydia Carmen Chetcuti u tapplika l-provvedimenti ta’ Art. 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 8 ta’ Mejju

2007 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar it-8 ta’ Mejju 2007 ai termini ta’ l-Artikoli 370 (4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti tas-seduta tat- 8 ta’ Mejju, 2007 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap 9, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li hu hati din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni drba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li qed issibu hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena, il-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri u l-fatt li huwa kkopera bis-shih fil-kors ta’ l-investigazzjonijiet kif dikjarat mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-8 ta’ Mejju, 2007, il-fatt li huwa minorenni u l-fatt li ghandu fedina penali netta.

Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Artikoli 95, 96, 325, 338 (dd), 338(bb), 342 u 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif minnu ammessi u b’ applikazzjoni ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li huwa ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta’ zmien sentejn millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------